# IL-PROFETA ELIZEW U L-GHEDEWWA TIEGHU

Is-sultan ta' Aram kien fi gwerra ma' Izrael u huwa qal lil ufficjali tieghu: Immorru ninhbew fit-tali post u lil Izraeliti naghtuhom sorpriza meta nattakawhom ghax ma jkunux qed jistennew l-attakk taghna.



Imma l-profeta Elizew widdeb lis-sultan ta' Izrael biex ma jmurx f'dak il-post ghax l-Aramin kienu qed jistennewh fil-mohbi hemmhekk. Is-sultan sema' milli qallu l-profeta li ghandu jaghmel attenzjoni kbira biex ma jaqax fin-nassa ta' l-ghadu tieghu.

Is-sultan ta' Aram thawwad meta ra li s-suldati ta' Izrael ma qorbux lejn il-post fejn kienu mohbija u gieh suspett li xi hadd kien spjun. " Ghiduli min ittradiena lis-sultan ta' Izrael?" staqsa lil ufficjali tieghu. U wiehed minnhom wiegbu li ma kien hemm ebda traditur fosthom. Il-htija kienet ta' Elizew il-profeta. "Dan il-bniedem jisma' dak kollu li tghid u bih jgharraf lil Izrael."

"Mela morru u sibuh biex nista' naqbdu taht idejja," ordna s-sultan. Gablu l-ahbar li Elizew kien go Dotan.

Ir-re ta' Aram baghat armata kbira li waslet bil-lejl u dawret il-belt ta' Dotan. L-ghada filghodu r-ragel ta' Alla ra dak kollu quddiemu, suldati, zwiemel u karrijiet. Il-qaddej tieghu qallu:" Mghallem x'ser naghmlu?". U l-profeta wiegbu :" Tibza' xejn. Alla hu maghna."

Is-suldati dawru lill-profeta Elizew u Elizew talab lil Alla hekk: "O Mulej aghmel li l-ghadu taghna ma jarax aktar." U hekk gara ghax kull suldat ghama. Izda Elizew qalilhom: " Din ma hiex it-triq anqas il-belt. Imxu warajja u jiena nwassalkom ghand dak ir-ragel li qeghdin tfittxu." U mexxihom lejn is-Samarija.

Hekk kif waslu gewwa s-Samarija Elizew talab lil Alla biex mill-gdid jinfethu ghajnejn is-suldati. U hekk sar. Meta s-sultan tas-Samarija rahom quddiemu qal lil Elizew: "Missier tghid naqsamhom minn nofs?"

U Elizew wiegbu: " Inti ma taghmel xejn minn dan li qed tghid ma' dawk li inti ma qbatx prugunieri. Tihom jieklu u jixorbu u imbaghad hallihom imorru ghand is-sultan taghhom.

Is-sultan ghamillhom festa kbira u wara li kielu u xebghu hallihom imorru lura pajjizhom.

Hekk l-Aramin qatt ma invadew aktar l-art ta' Izrael.

Tghallem li l-vendetta qatt ma swiet xejn. Huwa bil-hniena u mahfra li tigbed lill-ghadu tieghek lejk.